



Brussell, 18 ta' Lulju 2023  
(OR. en)

11976/23

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0174(NLE)**

**SCH-EVAL 151  
ENFOPOL 342  
COMIX 346**

**NOTA**

|                           |                                                                                                                                                                                                                                                    |
|---------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                     | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                   |
| fi:                       | 10 ta' Lulju 2023                                                                                                                                                                                                                                  |
| lil:                      | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                                                                                   |
| Nru. dok. preċ.: 10621/23 |                                                                                                                                                                                                                                                    |
| Suġġett:                  | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Lulju 2023. F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

### RAKKOMANDAZZJONI

**dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tan-Norveġja tal-2022 dwar l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas- 16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Mejju 2022 twettqet evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tan-Norveġja. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri l-konklużjonijiet u l-valutazzjonijiet u li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2023) 250.

---

<sup>1</sup> ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) Matul l-evalwazzjoni t-tim ta' fuq il-post identifika diversi prattiki tajba; 1) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni li ġie aġġornat dan l-aħħar bejn il-Pulizija Norveġiża u d-Dwana Norveġiża jżid is-sinerġiji bejn iż-żewġ aġenziji, 2) In-Norveġja għandha approċċ komprensiv lejn l-etika tal-pulizija, 3) Il-pulizija Norveġiża hija soġġetta għal sorveljanza minn korp estern awtonomu u indipendenti, 4) Il-pulizija Norveġiża stabbiliet ċiklu ta' intelligence żviluppat sew, 5) Il-pulizija Norveġiża tuża kuntatti bilaterali u multilaterali effiċjenti mal-forzi tal-pulizija tal-pajjiżi Nordiċi, 6) Rappreżentanti minn entitajiet differenti tal-Pulizija Nazzjonali u tad-Dwana huma assenjati lill-Punt Uniku ta' Kuntatt, 7) Il-Prosekuturi tal-Pulizija huma inkorporati fil-pulizija fil-livell reġjonali u nazzjonali, inkluż l-SPOC, 8) In-Norveġja għandha għodda effettiva biex tiżgura d-data dwar il-post tad-delitt jew biex tirreġistra l-interrogazzjoni u taqsam l-istess direttament online u 9) L-inizjattiva "Investigation Quality Uplift" stabbiliet qafas ta' taġħlim u żvilupp organizzazzjonali mmexxi mill-evidenza, li jipproduċi standards ta' investigazzjoni nazzjonali għall-pulizija Norveġiża
- (3) Jenħtieġ li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjonijiet korrettivi li għandha tieħu n-Norveġja sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati bħala parti mill-evalwazzjoni. Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 3, 4, 6, 10 u 13.
- (4) Fl-24 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar il-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi.<sup>2</sup> Għalkemm din ir-Rakkomandazzjoni kienet għadha ma ġietx adottata fiż-żmien tal-evalwazzjoni, in-Norveġja hija mistiedna tqis dan meta timplimenta r-rakkomandazzjonijiet rilevanti fformulati f'din id-Deċiżjoni.
- (5) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.

---

<sup>2</sup> ĠU L 158, 13.6.2022, p. 53-64.

- (6) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922<sup>3</sup> japplika mill-1 ta' Ottubru 2022. F'konformità mal-Artikolu 31(3) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-attivitajiet ta' segwitu u monitoraġġ tar-rapporti ta' evalwazzjoni u tar-rakkomandazzjonijiet, li jibdew bis-sottomissjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/922.
- (7) Fi żmien xahrejn mill-adozzjoni tagħha, jenħtieġ li n-Norveġja, skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2022/922, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha u biex tikkoreġi n-nuqqasijiet identifikati fir-rapport ta' evalwazzjoni. Jenħtieġ li n-Norveġja tipprovdi dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

#### JIRRAKKOMANDA:

li n-Norveġja jenħtieġ li

1. tistabbilixxi oqsma ta' prijarità fi ħdan il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija, b'kont meħud tal-valutazzjoni tat-theddid tal-kriminalità nazzjonali;

#### Etika tal-forzi tal-pulizija

2. tagħmel sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet u l-proċeduri ta' rappurtar, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar it-trattament tal-informaturi

#### Punt Uniku ta' Kuntatt

3. tistabbilixxi sistema elettronika ta' ġestjoni tal-każijiet għall-SPOC, li tiżgura l-awtomatizzazzjoni tal-ipproċessar tal-informazzjoni, is-sistema ta' traċċar għall-iskadenzi u l-monitoraġġ tax-xogħol b'lura kif ukoll bħala magna tal-fluss tax-xogħol, li tinkorpora l-kanali kollha tal-iskambju tal-informazzjoni internazzjonali;

---

<sup>3</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013, ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1.

## **Ġestjoni tal-informazzjoni u bażijiet tad-data**

4. tagħti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi maħtura aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) għall-finijiet tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI;
5. ixxerred linji gwida miktuba ġodda – kif diġà ppjanat – rigward ir-regoli tal-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali, l-għażla ta' għodod ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u mezzi ta' komunikazzjoni (li jelenkaw, pereżempju, eżempji prattiċi);
6. testendi l-aċċess dirett għall-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni tal-Europol għall-unitajiet investigattivi tal-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali u reġjonali, inkluż id-dwana, filwaqt li jieħdu vantaġġ mill-kapaċità sħiħa ta' din l-għodda;
7. ittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri l-oħra abbażi tal-implimentazzjoni nazzjonali tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI, filwaqt li tirrispetta l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan l-istrument;
8. tipprovdi lill-Pulizija Nazzjonali aċċess abbażi ta' hit/no hit għall-bażijiet ta' data Doganali;
9. tiżviluppa soluzzjoni teknika sabiex tipprovdi lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi b'aċċess kompjuterizzat għar-reġistri tal-lukandi f'konformità mal-liġi nazzjonali, f'każ li tinqala' l-ħtieġa;
10. ittejjeb l-applikazzjonijiet nazzjonali (INDICIA, ELYS II u AĠENT) fuq apparat desktop u mobbli sabiex twettaq tfittxijiet uniċi għal oġġetti u individwi, filwaqt li tiżgura wkoll li l-kontrolli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u fil-bażijiet ta' data tal-Interpol ikunu obbligatorji u tillimita l-għadd ta' oqsma obbligatorji meħtieġa biex issir talba filwaqt li fl-istess ħin tippermetti tiftix loġiku fuzzy u tfittxijiet ta' kunjomijiet preċedenti;

11. testendi l-possibbiltà li tiġi skenjata l-parti tad-dokumenti tal-identità li tinqara minn magna fuq apparat mobbli għall-uffiċjali tal-pulizija kollha;

**Riżorsi umani u taħriġ**

12. tipprovdi taħriġ kontinwu obligatorju aktar fil-fond u tissensibilizza l-persunal rilevanti kollu dwar l-użu ta' bażijiet ta' data internazzjonali tal-pulizija u għodod ta' kooperazzjoni (bħall-VIS għall-infurzar tal-liġi u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI) imfassla għad-deskrizzjonijiet tal-kompiti differenti u formalizzati f'kurrikulu ddedikat. Għandha tingħata prijorità lill-membri tal-persunal tal-Punt Uniku ta' Kuntatt;
13. tagħmel sensibilizzazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ online tas-CEPOL, inkluż il-pjattaforma LEEd tagħha, u żżid l-użu tagħhom.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---